MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 998/2003

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**David Gatt f'ismu proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem Windsor Booking Shop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm717.30c (seba' mija u sbatax-il lira Maltin u tletin centezmu) bilanc parti minn somma akbar, rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha u konsenjati mis-socjeta' mittenti lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm717.30c (seba' mija u sbatax-il lira Maltin u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------